Connecting citizens to the EU

# Stqarrija għall-Istampa
## 27 ta' April 2018

# Laqgħa tal-Core Group tal-MEUSAC dwar l-Ekonomija Ċirkolari

Il-Kummissarju tal-UE għall-Ambjent, l-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Karmenu Vella, illum iltaqa' ma-Core Group tal-MEUSAC biex jiddiskuti l-inizjattivi li għaddejjin tal-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, b'enfasi partikolari fuq il-ġestjoni tal-iskart u l-Istrateġija dwar il-Plastik adottata dan l-aħħar. Il-laqgħa kienet ippreseduta minn Dr Vanni Xuereb, il-Kap tal-MEUSAC.

Fir-rimarki introduttorji tiegħu, il-Kummissarju ddikjara li f'Ekonomija Ċirkolari, huwa pertinenti li l-valur tal-prodotti u l-materjali jinżamm għall-itwal żmien possibbli filwaqt li jiġu minimizzati l-iskart u l-użu tar-riżorsi.

"Meta prodott jilħaq tmiem il-ħajja tiegħu, dan għandu jintuża mill-ġdid biex jinħoloq aktar valur sabiex jitwasslu l-benefiċċji ekonomiċi, u b'hekk dan jikkontribwixxi għall-kompetittività. Huwa wkoll importanti li jiġu eliminati s-sustanzi perikolużi fil-prodotti, għaliex inkella jkomplu jiġu rriċiklati fi prodotti oħra," qal il-Kummissarju Vella.

Biex dan iseħħ, jeħtieġ inkunu innovattivi fid-disinn tal-prodott, fost l-oħrajn billi nevitaw taħlit ta' materjali bħall-metall u l-plastik li jagħmilha aktar diffiċli biex il-prodott jiġi eventwalment irriċiklat.

Il-Kummissarju saħaq li l-Ekonomija Ċirkolari ġġenerat erba' miljun impjieg ġdid fl-2014 u injettat bejn EUR 15 u EUR 20 miljun fl-ekonomija Ewropea.

Irrefera wkoll għall-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari kellu firxa wiesgħa ta' bosta azzjonijiet li wħud minnhom ittrattaw l-immaniġġjar tal-iskart, u li partikolarment issarrfu fil-Pakkett dwar l-Iskart adottat dan l-aħħar. F'dan ir-rigward, il-Kummissarju rrimarka li r-riċiklaġġ tal-iskart f'Malta huwa ferm aktar baxx meta mqabbel ma' Stati Membri oħrajn u li Malta teħtieġ tagħmel aktar, filwaqt li rrikonoxxa l-isfidi li tiffaċċja Malta f'termini ta' ġenerazzjoni u mmaniġġjar tal-iskart.

Is-Sur Vella tkellem ukoll dwar il-konferenza "Our Ocean" li saret f'Malta f'Ottubru 2017 li matulha kien hemm madwar EUR 7.3 biljun f'impenji lejn l-investiment f'soluzzjonijiet innovattivi biex jiġi miġġieled id-deterjorament mifrux tal-ibħra: liema impenji kienu ogħla minn kemm inġabar, (EUR 6.5 biljun) fit-tliet konferenzi preċedenti li saru f'Malta.

Dwar l-Ekonomija Ċirkolari, il-Kummissarju Vella qal li "ma nistgħux ninsew li Malta qed tiffaċċja sett uniku ta' sfidi: settur tal-immaniġġjar tal-iskart li huwa żgħir u insulari, esponiment akbar għall-iskart fil-baħar, pressjoni qawwija mill-industrija tat-turiżmu, kif ukoll l-iskarsezza tal-ilma. Il-Kummissjoni Ewropea miexja sew bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari — aktar minn 80 % tal-inizjattivi f'dan il-pjan ta' azzjoni issa ġew implimentati. Qed naħdmu qatigħ biex niżguraw li Malta tirċievi l-appoġġ li teħtieġ sabiex ikollha sehem f'dan is-suċċess".

Irrefera wkoll għall-Istrateġija Ewropea dwar il-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari li għandha l-għan li ttejjeb l-ekonomiji ta' skala filwaqt li tillimita l-mikroplastik fil-prodotti u tnaqqas il-plastik li jintuża darba biss.

Il-Kummissarju kellu wkoll diskussjoni mal-membri tal-Core Group li trattat ir-responsabbiltà estiża tal-produttur marbuta mal-Ekonomija Ċirkolari, miżuri għall-SMEs biex jużaw il-fondi sabiex jipparteċipaw aktar fl-ekonomija ċirkolari, miżuri fiskali marbuta mal-istrateġija tal-plastik, u l-ħtieġa li tinbidel l-attitudni fir-rigward tar-riċiklaġġ billi jiżdiedu l-għarfien u l-involviment f'kampanji edukattivi.

Il-Core Group jiġbor flimkien uffiċjali għolja tal-gvern u rappreżentanti tal-korpi kostitwiti, is-soċjetà ċivili, il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew u l-korpi konsultattivi tal-UE biex jiddiskutu kwistjonijiet tal-UE li jkollhom implikazzjonijiet nazzjonali.


meusac.gov.mt | info.meusac@gov.mt | T: +356 2200 3300 280, Republic Street, Valletta, VLT 1112, Malta